# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

22 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 24

24.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 23 – 9;
24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
24.5 Komunikazzjoni;
24.6 Laqgħa Annwali Pubblika;
24.7 Tender for the Repaving and Embellishment of Pjazza Santa Margerita;
24.8 Jum Sannat 2021;
24.9 Filming ta’ film f’Ta’ Sannat;
24.10 Applikazzjoni – LESA;
24.11 Applikazzjoni – Tiġrija taż-Żwiemel;
24.12 Festa 2021;
24.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
24.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 3/2021;
24.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku talab skuża għad-dewmien biex beda din il-laqgħa. Dan peress li kellu jmur fur il-lant tax-xogħol fejn qed jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 (it-tieni sejħa). Is-Sindku qal li llum mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kulħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li erġajna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Gauci informaħ b'permezz ta' imejl li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi li ma hemmx kontrol fuqhom. Il-Kunsill laqa din l-apoloġija.

24.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infoma wkoll li l-Kunsillier Tewma kellu jattendi għal din il-laqgħa aktar tard.

24.1.3 Il-Kunsill kompla b'din il-laqgħa.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 23 – 9

24.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 23 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat ix-xogħolijiet huma lesti mill-għoti bit-tarmak tal-wiċċ ta' triq, hu qal li l-kurduna tal-bankina tat-triq saret ukoll, il-bankina bil-braille tiles ta' zebra crossings dik tan-naħa l-oħra faċċata tal-għassa li għad fadal jiġu mwaħħla il-braille tiles aktar l-isfel quddiem l-iskola u faċċata, u li ssir rampa bil-profido fejn hemm il-mappa tal-lokalita' biex tiġi aċċessibli għal kulħadd b'hekk ix-xogholijiet maġġuri huma kollha lesti. Hu qal li biex tiġi mplimentata l-mountable roundabout il-Kunsill talab quotation, biss din għada ma waslitx. Iz-zebra crossings fuq in-naħa tal-parking se tiġi tar-rubber. Il-Kunsill tkellem mall-Perit fejn ġie spjeġat kif għandha ssir il-bankina ta quddiem l-għassa, l-berġa u l-latrina pubblika dan peress li kif inhi, l-Kunsill ma rax li din giet sewwa. Hu ta' spjega ta kif għandha ssir din. Hu qal li dwar tisbieħ b'siġar u arbuxelli fis-central strips tal-junction ntbgħatet kwotazzjoni li l-Kunsill ġabar minn għand ELC lill-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill għadu bla risposta minn għandhom. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar meta ser titkompla Triq It-Tabib Anton Tabone bit-tarmak. Is-Sindku qal li jaf fuqha, u li se jkun hemm żewġ kuntratturi peress li wieħed irid jgħaddi s-servizzi ta' second class water minn din it-triq mill-WSC u l-ieħor li għandu jgħati l-wiċċ ġdid bit-tarmak. Hu qal li qed jgħamel minn kollox biex Triq ix-Xewkija fejn saret it-trinka ta' second class water u tlesta dan ix-xogħol jkun jista jingħata t-tarmak.

24.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar iż-żbir tas-siġar tal-ficus li jinsabu fl-iskola primarja fi Triq Sannat, dawk ta' Triq il-Kbira u ta' Triq Marsilja. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Agrikultura fi ħdan il-MGOZ u nkera high up apposta biex isir dan ix-xogħol.

24.3.3 Is-Sindku qal li dwar it-traffic management fi Triq ix-Xabbata u Triq Marsilja ntbagħtet imejl lil Transport Malta dwar it-talbiet bid-dettalji li ġew diskussi fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsill qed jistenna minn Transport Malta u jekk ikun hemm il-bżonn issir laqgħa fuq il-post. Rigward is-Survey hu talab skuża peress li l-kwestjonarju għadhu mhux lest. Il-Viċi Sindku offriet l-għajnuna. Hu talab lill-Kunsill biex kull min ikollu xi suġġerimenti jissuġerrixihom, kollox għandu jkun apprezzat. Hu qal li jixtieq li t-traffic management f'Ta' Sannat jibqa għaddej b'ritmu mexxej.

24.3.4 Fis-2.25 p.m. ingħaqad għal din il-laqgħa l-Kunsillier Tewma.

24.3.5 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra, [redacted] għadu ma għaddiex l-isketch finali ta' dan id-disinn biex dan jiġi diskuss ukoll mas-sotto-kumitat ta dan il-proġett. Is-Sindku qal li għadu qed jagħmel pressjoni fuq l-artist biex ningħataw dan id-disin. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jitlob deadline sa meta dan l-isketch se jkun lest.

24.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2021 fil-11.00 a.m., saret laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizjia, fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn ġew diskussi diversi materji fosthom l-indafa u l-permessi tal-makkinarju fit-toroq. Is-Superitendent qal li fil-futur qarib għandhom jiġu ndirizzati l-community policing fil-lokalita'. Hu talab lill-Kunsillieri biex jekk ikollhom xi informazzjoni jew taghrif li jridu jiġu ndirrizzati lil Pulizija jinfurmawna b'dan.

24.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellna laqgħa mall-Kumpanija GreenPak fejn fil-lokalita' tagħna għandha żewġ settijiet ta' ibins u qalet li se jibdlu cctv cameras għal dawk solar u li dawn se jkunu monitored 24/7 mill-LESA. Għal dan il-għan hemm il-ħtieġa li jiġi nstallat arblu fi Triq Ta' Bebunaq u jintalab permess mill-EneMalta jekk tistax tiġi nstallata camera fuq arblu li diġa hemm fi Triq Durell. Il-Kunsill għandu jara min se jwaħħal dan l-arblu fi Triq Ta' Bebunaq.

24.3.8 Is-Sindku qal li saret laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021 fil-Kwartieri tal-Pulzijia fis-1.00 p.m. puntwali, fejn ġew diskussi it-Tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn ġie spjegat x'kien ġara fi snin l-imgħoddija u li għandha ssir talba mill-ġdid. Saret diskussjoni dwar it-traġitt tax-xogħol pirotekniku mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini fejn ġejna nfurmati biex niktbu lil Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-ittra lill-Transport Malta intbgħatet. Dwar l-Għassa tal-Pulizija Ta' Sannat, il-Kummissarju qal li għandu jara u jikkunsidra x'jista jsir minn din il-binja b'hekk is-Sindku qal li ħataf l-opportunita u qallu li l-Kunsill għandu f'moħħu li jekk dan ikun lest li jgħaddiha għal xi perijodu tas-snin, il-Kunsill jista jibbenefika minnha dan għaliex għandu użu maħsub. Hu qal li kien qed jirreferi għal xi childcare centre.

24.3.9 Is-Sindku qal li l-laqgħa mall-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Onor Clayton Bartolo saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021 fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-11.30 a.m. b'mod virtwali fejn ġew diskussi proġetti nnovattivi fis-settur turistiku. Waħda minn dawn l-innovazzjonijijiet hi app ta kif wieħed jasal għal din il-lokalita', il-Ministru qal li qed tinħadem pjattaforma għal dan il-għan. Il-Kunsill għandu jgħaddi nformazzjoni dwar postijiet ta' interess. Spazji miftuħa kif ukoll l-eminities f'Ta' Sannat. Ġew diskussi attivitajiet kulturali fosthom attivita' partikolari fejn ikunu iżuru dan ir-raħal massa ta' nies. Hu qal li tkellem ukoll dwar il-pompa ta' Mġarr ix-Xini pero wieħed għandu jiddiskuti dwar il-fondi tal-ispejjes għal

dan il-proġett, hu qal li l-Ministru wera nteress dwar dan. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara meta jiskadi l-permess tal-pompa tal-ilma ta' Mġarr ix-Xini. Dan il-permess kien validu għal 5 snin. Il-Kunsill qabel biex dan il-permess mall-P.A. jiġi mġedded.

24.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni minn M4 GAG – Rejuvenating Gozo ġiet sottomessa qabel il-ħin tal-egħluq. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm ħames applikazzjonijiet oħra ma tagħna li jridu jiġu evalwati biex niksbu r-riżultat.

24.3.11 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita, l-Kunsill kellhu laqgħa ma Horticultural Consultant dwar s-siġar tal-Oleander ta din il-pjazza biex isir rapport fuq dawn is-siġar. Dan ir-rapport sar u qed jiġi analizzat.

24.3.12 Is-Sindku qal li dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ taħt M 4.4 (it-tieni sejħa) Hu flimkien mall-Perit kellhom iżuru u jaraw dan ix-xogħol. Qal li huma talbu laqgħa mall-Perit tal-Kuntrattur fejn inġibdet l-attenzjoni f'ċertu xogħol. Ix-xogħolijiet għaddejin fi Triq tal-Gruwa.

## 24.4

### 24.4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 24.5

### 24.5.1 Komunikazzjoni

24.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Direttiva mibgħuta mid-DLG u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din taqra:
Direttiva 1/2021 – Proċedura ġdida dwar l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali

24.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
22 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/015 – Webinar – Indafa Pubblika 24/02/2021
22 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/016 – EUCF Webinar – It-Tieni Sejħa 07042021
25 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/017 – Kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali/ Kunsilli Lokali u Eko Skola
26 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/018 – CoR – Tnedija tal-programm YEP 2021
05 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/019 – Webinar AKL – Better Local Environment for Better Living 10/03/2021
03 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/020 – AKL Webinar – Supporting Children & Youths within our localities 25/03/2021
03 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/021 – Sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-AKL
04 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/022 – Preżentazzjoni Zoono – Webinar Indafa Pubblika
08 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/023 – UKNSF
10 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/024 – Online Team Building Event 03/04/2021
10 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/025 – Mental First Aid
22 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/026 – Update of Application – Active Ageing and Community Care
22 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/027 – Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn

ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
19 ta' Frar 2021 – Consultation on 2020 Strategic Review Report on the Pension System
19 ta' Frar 2021 – Re Preparation of master plans and technical guidelines for selected valley catchments in the Maltese Islands – Second Round of Public Events
23 ta' Frar 2021 – Re Skema Reġjonali – Ambjent 2021
23 ta' Frar 2021 – Re Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021
23 ta' Frar 2021 – Re Finanzjament Addizzjoni mir-Reġjun Għawdex b'rabta ma' SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022
05 ta' Marzu 2021 – Re Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Dr Aaron Farrugia nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April, 2021. Is-Sindku qal li ser jitkellem dwar l-preokupazzjoni dwar dan l-iżvilupp.
05 ta' Marzu 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 101 nhar it-Tnjen, 22 ta' Marzu 2021 fis-4.00 p.m.

24.5.4

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
17 ta' Frar 2021 – PA/08605/20 – Proposed demolition of existing structures, site excavation to the required level and construction of basement garage, street level garage and maisonette with pool, six apartments and two penthouses with roof pool. – Triq Xabbata
17 ta' Frar 2021 – RG/01935/20 – To regularise terraced house as built. – Triq Marsilja c/w Triq Ta' Durell
17 ta' Frar 2021 – PA/08620/20 – GTD – Proposed swimming pool. – Triq il-Kbira, Ta' Sannat
17 ta' Marzu 2021 – PA04459/20 – CTD To demolish part of dweeling at the back, to carry out internal and external alteration and to construct additional at the back and at first floor and roof level, including pool – Triq Ta' Cenc
17 ta' Marzu 2021 – PA 00760/21 – To excavate site and construct twenty-four garages and two car spaces at basement, ten garages, five maisonettes and one residential unit at ground floor, ten residential units at second floor and eight penthouses at receded floor – Triq ta' Xamgħan
17 ta' Marzu 2021 – PA 01714/21 – To sanction the construction of a substation with existing cattle farm – Triq tal-Lewż
17 ta' Marzu 2021 – PA 01772/21 – To demolish existing building, excavate site and propsed garage for private cars at basement and ground floor levels and three flats at first, second and receded floor levels – Triq Marsilja

24.5.5

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħal ma qal fil-laqgħa preċedenti d-DLG bħalissa qed jagħmel strateġija tal-informatika biex isir titjib fl-Infrastruttura tan-Networks fil-Kunsilli Lokali, Reġjuni u Tribunali, dawn avżaw li dan ser isir nhar is-7 ta' April 2021.

24.5.6

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċevejna rapport minn Transport Malta rigward talba għal reserved parking bay fi Triq Gerxija. Is-Sindku qal li dwar din it-talba għandha issir oġġezzjoni peress li f'din it-triq hemm il-limitazzjonijiet għal dan it-tip ta' parking bays.

24.5.7

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi qed jitlob lill-Kunsill biex jaħtar President Kunsill Skolastiku 2021-2022.

## 24.6

## Laqgħa Annwali Pubblika

24.6.1

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill hu mitlub li jsejjaħ laqgħa annwali pubblika sa mhux aktar tard mill-15 ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġu diskussi r-Rapport Annwali Amministrattiv, ir-Rapporti Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Il-Kunsill qabel li peress li

din is-sena ukoll hawn dawk ir-restrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19 minħabba saħħet il-bniedem, il-Kunsill se jgħamel din il-laqgħa b'mod virtwali dejjem jekk ikun hemm talba għall-attendenza għalija. Il-Kunsill għandu jagħmel din il-laqgħa dakinhar wara il-laqgħa tal-Kunsill jiġifieri nhar it-Tnejn 12 ta' April 2021.

## 24.7 Tender for the Repaving and Embellishment of Pjazza Santa Margerita

24.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta għal proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita jinsab għal konferma mid-Dipartiment għal Gvern Lokali u mill-Ministeru għal Għawdex dan sabiex wara jkun jista jiġi ppublikat biex b'hekk dan il-proġett ikun jista jibda. Hu qal li għal dan il-għan irid jinħatar bord biex jiġu evalwati w aġġudikati dawk l-offerti mitfugħa. Is-Sindku qal li kif kien ġie deċis f'laqgħat preċedenti c-chairperson se jkun il-Kunsillier Clayton Tewma, segretarju tal-bord se jkun is-Segretarju Eżekuttiv u l-membri l-oħra se jkunu komposti minn [redacted]

## 24.8 Jum Sannat 2021

24.8.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li peress li l-pandemija tal-Covid-19 għada għaddejja, il-Kunsill għandu jimxi mall-istruzzjonijiet li qed jingħataw minn żmien għal ieħor mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u għal sena oħra ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru b'konnessjoni ma' Jum Sannat din is-sena għandhom jiġu kkanċellati. Hu qal rigward il-Premju Ġieħ Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażagħu/a tas-Sena li l-applikazzjonijiet tagħhom jgħalqu f'nofisnhar ta' nhar il-Ġimgħa 16 ta' April 2021, dawn għandhom jiġu evalwati wara dik id-data.

## 24.9 Filming ta' film f'Ta' Sannat

24.9.1 Is-Sindku qal li kif semmha fil-laqgħa preċedenti kien ġie nfurmat mill-Commissioner of Film Malta li fix-xahar ta' April 2021 ser isir filming għal film ġdid bl-isem [redacted], producers ingliżi u li l-parti l-kbira tal-film se jinħadem fi Pjazza Santa Margerita. Hu qal ukoll li ġie avviċinat biex jużaw 2 kmamar ta' fuq li l-Kunsill għandu fil-bini tal-uffiċċju biex jiffilmjaw fihom ukoll. Is-Sindku qal li għandhom isiru aktar laqgħat magħhom dwar dan. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 24.10 Applikazzjoni – LESA

24.10.1 Is-Sindku qal li dan l-aħħar il-Kunsill irċieva imejl mingħand il-LESA dwar fondi – Proġetti fil-komunitajiet. Il-Kunsill għandu jara din l-applikazzjoni u l-linji gwida u li tgħalaq fit-30 ta' April 2021.

## 24.11 Applikazzjoni – Tiġrija taż-Żwiemel

24.11.1 Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu mall-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kunsill Lokali għandu japplika mill-ġdid biex iġib il-permessi meħtieġa u din it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel tkun tista ssir.

## 24.12 Festa 2021

24.12.1 Is-Sindku qal li dwar il-festi fil-lokalita' għadu ma jafx x'se jiġri minħabba s-sitwazzjoni li ninsabu fiha, biss hu qed jissuġġerixxi li jsir programm bħal dak li sar is-sena l-oħra dejjem suġġett għal ordnijiet u regolamenti tal-Awtorita' tas-saħħa pubblika u b'hekk għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal fondi kulturali mill-Ministeru għal Għawdex biex b'hekk nilħqu dan il-għan. Hu talab lill-Kunsill x'jaħseb dwar dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 24.13 Ilmenti u Suġġerimenti

24.12.1 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti mingħand residenta li toqgħod fit-Triq it-Tempju tal-Imramma fejn din ilmentat rigward skart li qed jitħalla mal-art meta jitqattgħu xi boroż, waqt li tkun qed ssir il-ġabra tal-iskart. Is-Segretarju Eżekutiv qal li hu diġa ġibed l-attenzjoni lill-Kuntrattur dwar dan. Il-Kuntrattur qal li f'din it-triq residenti qed iħallu l-iskart qrib l-ibins u mhux fuq il-bankina tagħhom kif suppost. Is-Sindku talab li ssir laqgħa dwar dan mall-Kuntrattur u għandu jsir komunikat mar-residenti.

24.12.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward sinjali tat-toroq li ma għadhomx jidhru fi Triq Xabbata kantuniera ma' Triq Marsilja.

24.12.3 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti li qed jitolbu li titnaddaf u tingħata l-konkos/tarmak parti minn Triq Xamgħan. Is-Sindku qal li din il-parti għandha tiġi nadifa. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar din saret talba lil W.S.C.

24.12.4 Il-Kunsill irċieva imjel bir-ritratti rigward tappiera fi Triq Dun Luqa li t-tarmak ta' madwarha tkisser u li din issa qegħda ta' periklu. Barra li din qegħda ta' periklu, minnha titla' riħa tinten u huwa aktar faċli għal ġrieden biex dawn joħorġu fit-triq.

24.12.5 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenti li joqgħodu fi blokka appartamenti fi Triq l-Għoxrin ta' Lulju rigward tħassib li għandhom peress li hemm xogħol ta' kostruzzjoni għaddej fil-viċin u dan se jikkawża li se jgħaddu ħafna trakkijiet minn din it-triq u dawn jistgħu jikkaġunaw li din it-triq taqa'. Dawn ir-residenti qed jitolbu bil-miktub li din mhix ser tkun il-problema. Il-Kunsill għandu jkellem il-Perit dwar dan.

24.12.6 B'referenza għall-ilment numru 08/2021, resident qed jitlob li teħel bożża fi Triq Tal-Gruwa dan peress li hemm ħafna dlam**.**

24.12.7 Il-Kunsillier Tewma talab li parti fi Triq Dun Luqa hi mudlama u ġibed l-attenzjoni li ma hemmx bozzoz installati. Is-Sindku wieġeb li meta jiġi konkluż bi żvillup din iż-żona il-Kunsill għandu jikkunsidra dan.

24.12.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill nfurmawh li r-reflectors li jinsabu fi Triq tal-Gruwa u fi Triq ix-Xewkija it-tnejn jinsabu miksurin fi triq. Dawn inġabru mill-ħaddiema stess u jridu jinbidlu. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu.

24.12.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand individwu rigward over speeding fi Triq Skerla u Ta' Ċenċ apparti li xi individwi qed jitilqu l-klieb tagħhom mingħajr ċinga. Il-Kunsillier Tewma ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm anke klieb fi Triq ta' Bebunaq. Dwar dan il-Kunsill qabel li

għandu jinforma lill-Pulizija.

24.12.10 Resident minn Triq Gerxija qed jitlob li arblu li ġie nstallat riċenti jiġi mressaq f'lok ieħor fl-istess triq. L-Enemalta tiddeċiedi fejn jeħlu l-arbli

24.12.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward indafa u ħart mill-ħaxix ħażin fil-playing field fi Triq Marziena. Il-Kunsill qal li dan qed jitnaddaf.

24.12.12 Residenta permezz ta' imejl qed titlob li jsiru double yellow lines fi Triq Ta' Ċenċ biex tkun tista tidħol u toħroġ komda mill-garaxx tagħha peress li ġieli jkun hemm ostaklu b'vetturi pparkjati ħdejn il-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta.

24.12.13 Il-Kunsill irċieva imejl min għand individwu fejn ġejna nfurmati li fil-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini hemm il-periklu peress li din tinsab miftuħa u abbandunata. Huwa semmha il-ħofra miftuħa u t-taraġ garigor miksur u sfrondat. Il-Kunsill Lokali għandu jikteb lill-Lands Dept. dwar dan.

24.12.14 B'referenza għall-ilment numru 09/2021 resident qed jilmenta li quddiem ir-residenza tad-dar tiegħu hemm ħofra li saret maż-żmien wara xi xogħolijiet ta' WSC. Hu qed jitlob li din tiġi rranġata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet rrapurtata lil WSC.

## 24.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2021

24.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 24.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

24.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.24 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' April 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 26 ta' April, 2021

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |